



Brussell, 20 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10157/23

FISC 136
ECOFIN 627

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10000/23 FISC 106 ECOFIN 548	
Suġġett:	Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) - Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Ġunju 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), approvati mill-Kunsill fit-3957 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Ġunju 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)

matul il-Presidenza Żvediża

Il-Kunsill:

1. JILQA' l-effett pożittiv tal-Kodiċi ta' Kondotta u l-ħidma tal-Grupp dwar it-tnaqqis ta' prattiki tat-taxxa dannużi u t-tnaqqis ta' sistemi fiskali preferenzjali, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fid-dinja;
2. JILQA' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Żvediża, b'mod partikolari fir-rigward tan-notifiki ta' waqfien u żmuntar, ir-reviżjoni tal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx fi Frar 2023 u l-ħidma biex issaħħaħ aktar il-proċess ta' elenkar tal-UE;
3. JAPPROVA r-rapport tal-Grupp kif jinsab fid-dokument 9875/23 + ADD 1-5;
4. JAPPROVA l-progress li sar fil-valutazzjoni tan-notifiki ta' waqfien u żmuntar mill-Grupp u JITLOB lill-Grupp ikompli jissorvelja l-waqfien u bl-implimentazzjoni tal-iżmuntar; JAPPROVA l-valutazzjonijiet tal-effetti reali tal-miżuri individwali kif maqbula mill-Grupp u JITLOB lill-Grupp biex ikompli jissorvelja l-miżuri individwali;
5. JISTIEDEN lill-Grupp biex ikompli d-djalogu effettiv mal-ġuriżdizzjonijiet u s-sorveljanza, sabiex il-ġuriżdizzjonijiet ikomplu jissodisfaw l-impenji rispettivi tagħhom u jikkonformaw mal-kriterji tal-elencar tal-UE f'konformità mal-iskadenzi miftiehma;

6. JILQA' b'mod partikolari l-progress li sar mill-ġurisdizzjonijiet li lestew ir-riforma tas-sistemi tagħhom ta' eżenzjoni mill-introjt minn sors barrani (FSIE) sal-iskadenza ssuġġerita u d-djalogu li għaddej ma' xi ġurisdizzjonijiet oħra li jinsabu fil-proċess li jirrifurmaw is-sistema tal-FSIE tagħhom bl-għan li jinkludu l-qliġ kapitali minn sors barrani fil-kamp ta' applikazzjoni tar-riforma; JILQA' wkoll il-progress b'ġurisdizzjonijiet b'ebda taxxa jew taxxa nominali biss fil-kuntest tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' sustanza ekonomika skont il-kriterju 2.2 u b'ġurisdizzjonijiet rilevanti rigward l-implimentazzjoni tal-istandard minimu kontra l-BEPS (CbCR) ta' rappurtar pajjiż b'pajjiż (kriterju 3.2) u fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni (AEOI) (kriterju 1.1) u l-iskambju ta' informazzjoni fuq talba (kriterju 1.2);
7. JAPPELLA lill-Grupp ikompli l-ħidma biex jinkorpora s-sjieda benefiċjarja bħala r-raba' kriterju ta' trasparenza fiskali;
8. JAPPELLA lill-Grupp ikompli l-ħidma tiegħu fuq l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' miżuri difensivi fil-qasam tat-taxxa għal ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx, f'konformità mal-Gwida maqbula, u jirrapporta lill-Kunsill dwar aktar progress f'dawn il-kwistjonijiet;
9. JILQA' l-ħidma tal-Grupp, kif jinsab fir-rapport tal-Grupp, biex isaħħaħ aktar il-lista tal-UE, inkluż l-estensjoni possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-lista tal-UE malajr kemm jista' jkun; JITLOB lill-Grupp ikompli b'din il-ħidma u jirrapporta lura lill-Kunsill dwar aktar progress f'dawn l-oqsma;
10. JISTIEDEN lill-Grupp jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Spanjola.